MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 103/2007

**Tecnobroadcast S.r.l. socjeta` registrata fl-Italja, rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino (ID Numru 441061 M).**

**vs.**

**Mediterranean Broadcasting Equipment Limited (C 23047).**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors gurament ta' Tecnobroadcast S.r.l. datat 29 ta' Jannar 2007 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi s-socjeta` rikorrenti xtrat u akkwistat minghand is-socjeta` intimata apparat tax-xandir, inkluz zewg trasmittenti I.O.T. 40 kw, kif jirrizulta mill-Pro Forma

Invoice numru 84 tas-27 ta' Gunju 2005 u "*letter of credit*" numru 411830741827 ghall-prezz ta' €334,438.07 (tliet mija u erbgha u tletin elf, erba' mija u tmienja u tletin ewro), kif ukoll apparat konsistenti 20 kw UHF Solid State, kif jirrizulta minn fattura numru 465 datata 16 ta' Marzu 2005 u "*letter of credit*" numru 411831231067 ghall-prezz ta' €212,251.00 (mitejn u tnax-il elf mitejn u wiehed u hamsin ewro) liema prezz thallas internament mis-socjeta` rikorrenti.

Illi sussegwentement ghall-bejgh u konsenja ta' dan l-apparat, irrizulta illi l-apparat mibjugh u konsenjat kienet affettat minn difetti serji u latenti.

Illi ghalkemm saru diversi tentattivi sabiex is-socjeta` intimata tintervjeni u tirrimedja dawk id-difetti, hija baqghet inadempjenti u ghalhekk qed jinbdew dawn il-proceduri.

Illi li kieku kienu evidenti dawn id-difetti fil-mument tal-bejgh, is-socjeta` rikorrenti certament ma kinitx taccetta li thallas il-prezz pattwit fl-intier tieghu.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-apparat u l-oggetti mibjugha lis-socjeta` rikorrenti hawn fuq deskritti huma affetti minn difetti latenti, liema difetti ma kienux jidhru fil-mument tal-bejgh.

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirrestitwixxi parti mill-prezz li jigi stabbilit u likwidat minn din il-Qorti u dan eventwalment korrispondenti ghall-hsarat u difetti ezistenti kif jirrizulta okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa fol 35 tal-process.

Rat li din ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Mejju 2007.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta Mediterranean Broadcasting Equipment Limited (C 23047) datata 24 ta' Mejju 2007 a fol 85 tal-process fejn Alessandro Narduzzi (ID 0028392A) ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mediterranean Broadcasting Equipment Limited eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija perenta bit-trapass tas-sitt (6) xhur kontemplati fl-**artikolu 1431 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intempestivita` tal-azzjoni odjerna *stante* illi s-socjeta` konvenuta ma gietx interpellata ufficjalment qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni.

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan *stante* illi assolutament mhuwiex minnu illi l-apparat *de quo* kien wiehed affett minn xi difetti latenti anke *in vista* tal-fatt illi l-istess apparat gie ikkollawdat ossia ittestjat anke fil-prezenza u ghas-sodisfazzjon ta' Ernesto Fioravanti (u dan kif jidher mic-certifikati annessi u mmarkati bhala Dok "A", u Dok "B" rispettivament) illi kien u ghadu l-amministratur uniku tas-socjeta` attrici, u kif se jigi ippruvat ulterjorment waqt is-smigh tal-kawza.

4. Illi *inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-procedura mibdija permezz tar-rikors guramentat Nru 103/07/RCP hija wahda frivola u vessatorja u dan *stante* illi din il-procedura hija intiza biss sabiex tirreka dannu finanzjarju lis-socjeta` konvenuta li taghha s-socjeta` attrici, direttament jew permezz ta' socjeta` gestita mill-istess persuni li jiggestixxu s-socjeta` attrici, hija *ormai* kompetitrici diretta fis-suq tal-manifattura u bejgh ta' apparat tax-xandir bir-radju u bit-televizjoni u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza, u ghaldaqstant is-socjeta` esponenti hija tal-fehma illi din l-Onorabbli Qorti

ghandha tapplika d-dispozittivi tal-**artikolu 10 ta' Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** fil-konfront tas-socjeta` attrici.

5. Salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu mis-socjeta` konvenuta skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi u mmarkati Dok "A" u Dok "B" (fol 87 – 88).

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Gunju 2007 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Ramona Frendo sabiex tirrelata dwar it-talbiet attrici u tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u ordnat lill-istess Perit Legali biex wara t-terminu tal-affidavits tas-socjeta` konvenuta tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi konvenuti kollox fil-mori ta' dan id-differiment u wara dan il-Perit Legali hi awtorizzata li tirrelata, kollox a spejjez provizorjament attrici.

Rat in-nota tal-avukati Dr. Adrian Dellia u Dr. John L Gauci datata 21 ta' Mejju 2008 a fol 95 tal-process illi permezz taghha nformaw lill-Qorti illi huma kienu qed jirrinunzjaw ghall-patrocinju tas-socjeta` konvenuta Mediterranean Broadcasting Equipment Limited.

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta' Novembru 2008 fejn il-kawza giet differita sabiex jinghata provvediment *in camera* u *occorrendo* ghar-rapport ghall-11 ta' Marzu 2009; u l-verbal tas-seduta fil-11 ta' Marzu 2009 fejn il-Qorti laqghet l-ewwel talba u ffissat terminu ta' tletin (30) gurnata minn dan id-digriet sabiex is-socjeta` konvenuta tindika b'nota minn min qed tigi patrocinata u fin-nuqqas li jsir dan, ordnat l-isfilz tal-affidavit tal-persuni indikati fir-rikors (it-2 talba) u awtorizzat lill-Perit Legali sabiex tghaddi ghar-rapport; u tat-3 ta' Gunju 2009 fejn il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha tal-11 ta' Marzu 2009 fis-sens li kkonfermat l-isfilz tal-affidavit tal-persuni indikati fit-tieni talba tar-rikors tad-29 ta' Mejju 2008 u cioe` Francesco

Rubini, Giuseppe Marduzzi, Claudio Santini u Angelo Narduzzi u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo flimkien max-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti pprezentati; rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo pprezentat fis-27 ta' April 2010 u mahluf *seduta stante* fl-24 ta' Gunju 2010 (fol. 397).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta` attrici u l-Perit Legali Dr. Ramona Frendo li halfet ir-rapport. Dr. Louis Cassar Pullcino rrimetta ruhu ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal 5 ta' Ottubru 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed issostni li l-apparat tax-xandir konsistenti f'zewg transittenti wiehed I.O.T 40kW (pro forma *invoice* numru 84 datata 27 ta' Gunju 2005) ghall-prezz ta' €334,428.07 (Dok. "A5"), u l-iehor 20kW, UHF Solid State (fattura 465 – 16 ta' Marzu 2005) ghall-prezz ta' €212,251 (Dok. "B2") kien affett minn difett latenti u ghalhekk tablet li tigi restitwita lilha parti mill-prezz tal-istess mhallas attwalment lis-socjeta' konvenuta.

Illi s-socjeta' konvenuta eccepiet li l-azzjoni hija preskritta ghaliex saret wara s-sitt xhur kontemplati fl-**artikolu 1431 tal-Kap. 16;** l-azzjoni hija ntempestiva ghaliex hija qatt ma

giet interpellata qabel dawn il-proceduri; fil-mertu l-azzjoni hija infondata peress li l-apparat ma kien fih l-ebda difett tant li gie ttestjat kif jidher mic-certifikati rilaxxati Dok. “A” u “B”; l-azzjoni attrici hija frivola u vessatorja u hija ntiza sabiex taghmel lis-socjeta’ konvenuta li hija kompetitrici tas-socjeta’ attrici u allura hemm skop li jigi applikat l-**artikolu 10 ta’ l-Iskeda A tal-Kap. 12.**

Illi jidher li s-socjeta` attrici qed tilmenta minn difetti allegatament riskontrati fiz-zewg *transmitters* u li konsgewenza ta’ l-istess ghandu jkun hemm tnaqqis fil-prezz tal-istess u allura rifuzjoni ta’ parti mill-prezz ta’ l-istess f’dan il-kaz ekwiparabbli ghall-ispejjez konsegwenzjali minnha nkorsi sabiex jigu rrangati l-allegati difetti.

Illi din hija l-bazi tal-azzjoni attrici li hija l-azzjoni *aestimatoria* bbazata fuq l-**artikolu 1424 tal-Kodici Civili** illi jitkellem dwar difetti latenti - kuncett ben definit fil-gurisprudenza nostrana. Issir hawnhekk referenza ghal dak illi jinghad fil-kawza fl-ismijiet **“Mark Farrugia et vs Michael Arthur Williams et noe”** (P.A. – 28 ta’ Jannar 2005) fejn gie definit il-kuncett tad-difett latenti u li huwa l-oneru fuq ix-xerrej illi jipprova d-difett fil-haga mibjugha, kif gej: -

*“In-nozzjoni ta’ “difett” ghall-finijiet ta’ dan l-artikolu gie definit mill-Qrati lokali bhala li jikkomprendi “kull anormalita` jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija li tigi riskontrata fil-haga u li, aktar jew anqas, tnehhilha l-attitudini ghall-uzu jew il-bonta` jew l-integrita` taghha”. Il-vizzji jew id-difetti jridu jkunu gravi, okkulti u pre-ezistenti.*
*“Wiehed mill-ingredjenti li ghandu jirrikorri sabiex tirnexxi l-actio aestimatoria huwa li d-difetti li minnhom hemm ilment ikunu “ma jidhrux” ossia latenti. Fi kliem iehor, id-difetti jridu jkunu tali li anki b’ezami serju u maghmul bid-diligenza normali, xorta wahda tkun tezisti l-impossibilita` li jigu skoperti.”*
Illi fil-kaz “Emmanuel Fava vs Prof. John Mamo et noe” (P.A. – 3 ta’ Ottubru 2003) jinghad illi fi kwistjoni ta’ difetti latenti, iridu jigu kkunsidrati s-segwenti: -

*“Issa biex jirnexxi f’din l-azzjoni tieghu, li riedet dejjem titmexxa “per via di azione”, l-attur jenhtieglu jipprova dawn l-elementi bazici:-*
*(i) il-vizzju fl-oggett mixtri u fuq kollox li tali vizzju kien mohbi;*
*(ii) li dan il-vizzju kien wiehed serju u ta’ certu gravita`;*
*(iii) li kien pre-ezistenti ghall-bejgh jew ezistenti fil-mument tal-bejgh.”*

Illi fil-kaz odjern, id-difetti fl-oggetti mibjugha gew dettaljati fl-affidavits tas-socjeta’ attrici datati 20 ta’ April 2007, fejn jirrizulta illi meta t-*transmitters* gew installati, gew riskontrati difetti u vizzji b’dan illi l-istess apparat ma kienx jiffunzjona tajjeb u dan kif jidher mid-Dok. “C6” u “C5”

Illi izda sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici irid jigi ppruvat li tali difetti kienu latenti fil-mument tal-bejgh. Fuq dan l-aspett jinghad li mill-provi prodotti jirrizulta li d-difetti riskontrati u elenkati mill-perit legali fir-relazzjoni taghhom kienu gravi, u wkoll li s-socjeta` konvenuta kienet anke ben konxja ta’ tali difetti qabel ma baghtet l-apparat lis-socjeta` attrici, tant li dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta’ Jan Duj u Francesco Placidini illi kienu inkarigati mis-socjeta` konvenuta u prezenti waqt it-*testing* tat-*transmitters* qabel dawn telqu minn Malta. Il-prova tal-ezistenza ta’ tali difetti fil-funzjonament taghhom wara li gew installati tirrizulta mix-xhieda ta’ Giuseppe Mammetti u Casimiro Zampetti.

Illi tali difetti kienu s-segwenti:-

<u>a. Id-Difetti fit-*Transmitter* 40+40Kw.</u>

Illi L-inginier Jan Duj li kien inkarigat mis-socjeta’ konvenuta stess (affidavit - 20 ta’ April 2007) xehed li meta ntbaghat dan it-*transmitter* lis-socjeta` attrici, ix-xoghol ma kienx komplut u ghaldaqstant kien impossibli illi jsir *it-testing* tas-sistema kompluta fil-*passive reserve mode.* Fil-fatt, skond il-manager, dan kellu jsir fuq id-*definitive unit* waqt il-fazi ta’ l-installazzjoni. Difetti ohra illi kienu ezistenti meta l-apparat kien ghadu ghand is-socjeta` konvenuta kienu jinkludu l-fatt illi ntuzaw komponenti innovattivi minflok dawk intizi fid-disinn originali minghajr ma gew iccekkjati taht kundizzjonijiet ta’ uzu kontinwu. Minhabba s-sensittivita` tal-komponenti, kien preveddibli illi jkun hemm possibilita` ta’ spluzjoni fil-kaz tal-*high voltage filter capacitor* kif fil-fatt gara. It-tieni komponent kien it-*transformer* illi gie zviluppat f’zewg

verzjonijiet wiehed *I.O.T tube filament power supply* u l-iehor ghall-*grid power supply* ghall-istess tubu. Skond Duj, wara certu hin jopera fuq il-post fejn is-sistema giet installata, il-filament u l-*grid transformers* kellhom *short-circuit*. Il-problema fil-kaz tat-*transformer* inqalghet mhux biss mill-uzu tat-teknologija innovattiva bir-resin, izda anke mill-mod kif kien inhadem it-*transformer* innifsu.

Illi in kontro-ezami, l-inginier Jan Duj xehed (11 ta' Frar 2008) illi dawn il-modifikazzjonijiet kienu ta' detriment ghall-*high voltage condensor* ukoll. Qal ukoll illi dawn il-komponenti varji kellhom jigu ppruvati ghal talanqas xahar. Kien hemm ukoll in-nuqqas ta' *ion pump*, liema *module* huwa rakkomandat mill-manifattur tat-tubu stess. Fil-fatt l-istess inginier Duj jghid illi *"kien dover taghna li ninstallaw l-ion pump anke jekk il-klient ma talabniex naghmlu dan specifikament".*

Illi Francesco Placidini (affidavit – 20 ta' April 2007) xehed li hadem fuq il-preparazzjoni ta' certi komponenti bhall-*high tension current capacitors* u jsemmi l-istess difetti indikati mill-inginier Jan Duj. B'mod partikolari jaghmel enfasi fuq l-l-elementi innovattivi differenti ghall-*coating* li ntuzaw mis-socjeta' konvenuta sabiex jitnaqqsu l-ispejjez, u illi konsegwenza ta' dan inholqu diversi hsarat. Isemmi wkoll diversi problemi f'dik illi hija s-sengha tal-manufattura tat-*transmitters* fil-kaz ta' l-*RF filter* illi kien manufatturat b'mod imharbat. Placidini jindika wkoll illi t-*testing* sar b'nuqqas ta' materjal u komponenti, filwaqt illi s-*switching control unit* lanqas biss giet ittestjata. Semma wkoll problemi fuq l-IOT system, liema sistema ma kienitx kompluta bil-materjal ta' l-installazjoni hekk kif mitlub mis-socjeta` attrici.

Illi Francesco Placidini fil-kontro-ezami tieghu (20 ta' April 2007) qal illi hu kellu x'jaqsam biss mal-lat mekkaniku, madankollu kkonkluda x-xhieda tieghu billi qal illi *"nista' nikkonferma illi l-apparat kien komplut izda mhux jiffunzjona (ghax jien qatt ma rajtu jiffunzjona) u kien jehtieg ukoll it-taghmir ta' l-installazjoni".*

Illi apparti dawn id-difetti illi ssemmew mill-persuni illi kienu fuq il-post waqt it-*testing* tal-apparat qabel dan intbaghat mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici, Giuseppe Mammetti, in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, in kontro-ezami fil-21 ta' Jannar 2008, isemmi illi l-

istess socjeta` attrici kellha tinkariga lil certu Jonathan Grech ghall-intervent fuq l-IOT system ghaliex il-*control logic* ta' l-apparat ma kienx gie ttestjat mis-socjeta` konvenuta. Ghalhekk is-socjeta` attrici kellha tirriprogramma dawn il-logics.

Illi Casimiro Zampetti illi gie mqabbad mis-socjeta` attrici sabiex jaghmel l-installazjoni gewwa n-Nigerja, xehed illi sab ma' wiccu d-difetti kollha msemmija fl-affidavit tieghu (20 ta' April 2007). L-*automatic logic controls ghat-TXA u TXB switch on tat-transmitters* rispettivi kellhom protezzjoni ghal *low tension anodic current* u qabel il-*pre-filament delay* kienu posizzjonati in *"REMOTE" mode*. Sabiex tissolva din il-problema, *iz-zewg logic controls* kellhom jigu riprogrammati, apparti illi s-socjeta` konvenuta kienet naqset milli tipprovdi l- *EPROM memories* necessarji. Malli xeghel il-*high tension current*, xi *diodes tat-TXA manual logic control* inharqu u wara ftit kien hemm *short circuit fil-high tension circuit* stess. Wara illi ezamina l-apparat, Zampetti jghid illi sab illi kienu splodew tliet *filter capacitors fis-circuit.* Skond ix-xhud, dan gie kkagunat minhabba problemi fid-disinn, kif ukoll fl-installazzjoni tal-*cabling*. Kien hemm ukoll problema minhabba l-*grid* u l-*filament modules* illi kienu miksija b'resin mhux adegwat ghal dawn it-tip ta' *circuits.* Fil-fatt, dejjem skond Zampetti, minhabba f'hekk kemm iz-zewg *grid transformers* kif ukoll il-filament *transformer* kellhom *short circuit*. Zampetti jilmenta wkoll illi nstabu problemi serji fid-disinn ghaliex il-*control unit load* ma kellhiex protezzjoni sabiex tkopri l-possibilita` ta' nuqqas ta' *coolant flow*. Aktar tard fegget problema ohra ghaliex it-*TXA grid connector* tqatta' u kkaguna high-*tension short-circuit.*

Ili l-problemi ta' natura purament teknika fir-rigward tat-TX B gew indikati minn Casimiro Zampetti a fol. 46 ta' l-affidavit tieghu. Isemmi wkoll illi fir-rigward tal-*control unit,* l-istrument tad-*direct power measurement* ma hadimx u kien hemm zballi fil-*cabling tal-coaxial switch.*

Illi Casimiro Zampetti in-kontro-ezami fil-21 ta' Jannar 2008 qal illi t-*transmitters* kienu jixghelu biss bil-*control logic* manwali izda mhux bil-*control logic* awtomatiku. Semma wkoll illi l-memorji EPROM kienu neqsin, mentri l-programm fit-*transmitter* ma kienx qed jahdem. Minhabba

f'hekk kellu jigi kkuntattjat Jonathan Grech sabiex jerga' jaghmel il-programm. Kien hemm ukoll zball fil-cabling ghaliex il-wires negattivi u posittivi kienu mghaffga u kien hemm short circuit.

b. Difetti fit-*Transmitter* 20kW

Illi l-istess Jan Duj (affidavit - 20 ta' April 2007) inkarigat mis-socjeta` konvenuta, ighid illi t-*testing* sar f'atmosfera mhux favorevoli u kien hemm nuqqas ta' persuni kwalifikati sabiex jaghmlu t-*testing*. Fil-fatt xoghol krucjali bhat-*testing* ta' l-*RF modules* sar minn persuni illi ma kellhomx bizzejjed esperjenza, apparti l-fatt illi s-sistema kompluta qatt ma giet iccekkjata kif suppost.

Illi minkejja dan, waqt it-*testing* finali, illi mill-ewwel mar hazin, gie stabbilit illi parti sinifikanti tal-*power modules*, ma kienux qed jiffunzjonaw. Huwa jghid (11 ta' Frar 2008) li ntuzat konfigurazzjoni illi qatt ma ntuzat qabel u skond hu *"dan il-fattur irrizulta fi hsarat illi hargu waqt it-testing illi ma rnexxiex".* Is-sitwazzjoni kienet li d-diversi partijiet setghu jahdmu tajjeb izda meta tghaqqadhom f'daqqa, jistghu ma jahdmux minhabba difetti tas-sistema jew fil-konfigurazzjoni, u ghaldaqstant dan jista' jaghmilha impossibli ghat-*transmitter* illi jahdem jew anke jaghmel il-hsara.

Illi kif inghad, Francesco Placidini ppartecipa fil-fazijiet kollha ta' l-assemblagg u fl-affidavit tieghu tal-20 ta' April 2007 itenni dak illi ntqal mill-inginier Jan Duj illi t-*testing* sar b'mod mghaggel hafna. Jghid ukoll illi l-kap tas-socjeta` konvenuta, Alessandro Narduzzi, kien qallu illi l-*RF modules* ma kienux qed jahdmu. Hu kien baqa' ghand is-socjeta` konvenuta sabiex isewwi xi whud mill-problemi fuq wiehed miz-*zewg heat exchangers*.

Illi Giuseppe Mammetti, in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, in kontro-ezami (21 ta' Jannar 2008) isemmi wkoll id-difetti illi sar jaf bihom fit-22 ta' Marzu 2005. B'mod partikolari jghid illi sar jaf illi t-*testing* sar mghaggel hafna, u kienet giet ikkagunata *power surge* konsiderevoli fl-*amplifiers* b'dan illi nharqu t-*transmitters* ta' l-istess *amplifiers*.

Illi Casimiro Zampetti xehed illi fuq il-post ta' l-installazjoni sab diversi difetti teknici hekk kif dettaljati a fol. 46 ta' l-Affidavit tieghu, minnu mahluf fl-20 ta' April 2007. Wara illi ezamina kull *RF module* sab illi kien hemm transistors

miksura f'kull wahda minnhom. Sab ukoll illi l-*power supplies* kienu zghar ghall-*full power* illi kien mehtieg mill-*RF modules* - liema difett ikkomprometta l-*power output* tal-RF illi minflok kien ta' 20kW, kien effettivament ta' madwar 15 jew 16kW.

c. Ri-Assunt tad-Difetti Riskontrati fiz-Zewg *Transmitters*.

Illi Casimiro Zampetti, illi kien il-persuna illi finalment wettqet l-installazjoni gewwa n-Nigerja, ghamel rapport bil-miktub tad-difetti illi sab meta gie biex jaghmel l-installazzjoni hekk kif gie mitlub mis-socjeta` attrici (tramite Giuseppe Mammetti) u dawn konsistenti f'Dok. "CZ1" fir-rigward tat-*transmitter* 40+40kW u Dok. "CZ2" fil-kaz tat-*transmitter* 20kW. Id-difetti gew indikati mis-socjeta` attrici u mibghuta lis-socjeta` konvenuta fit-18 ta' Ottubru 2006 fil-kaz tat-*transmitter* 40+40kW, u fit-23 ta' Ottubru 2006 fir-rigward tat-*transmitter* 20kW esebiti u mmarkati bhala Dok. "C5" u Dok. "C6" rispettivament.

Mid-dettalji teknici moghtija mix-xiehda dwar id-difetti fit-*transmitters* mertu ta' dawn il-proceduri, jirrizulta illi: -

a. Is-socjeta` konvenuta waqghet lura fil-produzzjoni ta' dawn iz-zewg *transmitters*, tant illi d-data tal-konsenja kellha tigi mibdula;

b. Minkejja dan, it-*transmitters* gew kompletati tardivament, tant illi t-*testing* taghhom, illi huwa essenzjali sabiex jigi assigurat illi l-oggett mibjugh huwa adegwat ghall-uzu intiz u ma fihx difetti latenti, sar b'mod mghaggel u inkomplut;

c. Id-difetti u hsarat kienu ovvji sa mill-mument meta sar it-*testing* affrettat mis-socjeta` konvenuta, qabel din baghtet it-*transmitters* minn Malta lis-socjeta` attrici;

d. Sahansitra l-inginier Jan Duj, illi kien impjegat mis-socjeta` konvenuta, xehed illi s-sistema illi ntbaghtet lis-socjeta` attrici, lanqas biss kienet kompluta – wisq anqas setghet tigi ttestjata korrettement. Dan apparti illi waqt it-*testing*, saret hsara fl-apparat, illi ma gietx imsewwija qabel dan intbaghat lill-kompratur. Fil-fatt, id-dirigenti tas-socjeta` konvenuta kien jinteressahom biss illi jibghatu l-apparat sabiex b'hekk jithallsu skond l-ittra ta' kreditu – u minhabba f'hekk baghtu l-apparat minkejja d-difetti kollha riskontrati fih waqt it-*testing*, anke jekk kienu jafu illi ser ikollhom isiru tiswijiet aktar tard, jew

possibilment waqt l-installazzjoni. Fil-fatt, waqt il-kontro-ezami tieghu fil-11 ta' Frar 2008, Jan Duj xehed illi "f'dawn ic-cirkostanzi kien mehtieg l-involviment tas-*supplier* tat-*transmitter* u cioe` l-M.B.E";

e. Jidher illi d-difetti kollha prezenti setghu jigu evitati kieku t-*testing* sar fiz-zmien meta kellu jsir u mhux b'mod affrettat kif fil-fatt gara. Skond l-inginier Duj, il-komponenti varji kellhom jigu ppruvati ghal xahar shih, imma dan ma sarx. Importanti illi wiehed jirrileva illi din il-limitazzjoni biex isir it-*testing* kienet ikkawzata interament u unikament mis-socjeta` konvenuta nnifisha illi ttardjat tant fil-produzzjoni tat-*transmitters* illi, kif xehed Giuseppe Mammetti, kellha tigi rimandata d-data tal-konsenja, sabiex b'hekk, suppost, ix-xoghol kellu jsir sewwa. Izda minkejja din il-koncessjoni ta' zmien itwal da parti tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta xorta baqghet tonqos, u minkejja illi hadet il-hin kollu disponibbli qabel baghtet it-*transmitters* fid-dati miftiehma, it-*testing* sar b'mod mghaggel fl-ahhar jiem u l-apparat intbaghat minn Malta minkejja illi rrizulta, dejjem lis-socjeta` konvenuta, illi kien difettuz;

f. L-inginier Duj, dejjem inkarigat mis-socjeta` konvenuta, xehed illi l-*"problemi fin-Nigerja kienu prevedibbli u setghu jigu evitati anke qabel l-installazjoni".* Ghalhekk huwa car illi dawn il-problemi kienu a konoxxenza tas-socjeta` konvenuta, u pre-ezistenti ghall-konsenja, skond kif rikjest mill-Ligi u mill-gurisprudenza. Izda, kif ga nghad, is-socjeta` konvenuta minflok sewwiet dawn il-hsarat, baghtet it-trasmittenti fl-istat illi kienu, minghajr ma biss avzat lis-socjeta` attrici b'dan;

g. Ix-xhieda ta' Duj hija korroborata minn Francesco Placidini illi kien ukoll prezenti Malta, dejjem ghan-nom tas-socjeta` konvenuta, waqt it-*testing*. Dan jikkonferma illi l-apparat gie mibghut fi stat difettuz, u sahansitra illi s-socjeta` konvenuta (ghalkemm kienet ovvjament ben konxja ta' dan) hbiet dawn in-nuqqasijiet mis-socjeta` attrici. Hawnhekk huwa essenzjali illi jigi rilevat illi ghalkemm id-difetti kienu rrizultaw meta l-apparat kien ghadu Malta, mill-provi jirrizulta illi, f'dan l-istadju, id-difetti kienet taf bihom is-socjeta` konvenuta biss. Is-socjeta` attrici qatt ma kienet prezenti waqt il-perjodu ta' l-assemblagg jew tat-*testing* ta' l-apparat u

ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda mod kif din setghet tkun konxja ta’ l-istess difetti. Ghaldaqstant, sa dan il-punt, dawn id-difetti, ghalkemm gravi, ma kienux maghrufa lis-socjeta` attrici, u kwindi kienu latenti ghaliha;

h. Effettivament, jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta ghamlet diversi mossi sabiex tghatti l-fatt illi l-apparat illi kienet baghtet, kien difettuz. Sahansitra dderigiet lin-nies taghha illi jsibu skuza sabiex jiehdu l-apparat lura u jirrangawh minghajr ma jindikaw illi dan ma kienx qieghed jiffunzjona. Francesco Placidini jsemmi wkoll illi Alessandro Narduzzi mis-socjeta` konvenuta qal lis-socjeta` attrici (f’telefonata illi ghaliha assista Placidini) illi kollox kien mghobbi fil-*container* meta fil-fatt il-*container* kien ghadu vojt u t-telefonata saret gurnata qabel il-*container* gie ssigillat waqt illi l-ewwel nofs tas-sistema IOT kien ghadu qed jigi ttestjat. Fi stadju sussegwenti, is-socjeta` konvenuta talbet u hadet lura parti mill-apparat (qabel ma dan intbaghat lill-klient ahhari fin-Nigerja) – izda anke hawn iddikjarat illi dan kien qed isir biex isiru xi “ameljoramenti” u mhux ghaliex ammettiet illi l-oggett mibjugh kien difettuz. Jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta mhux biss qarrqet bis-socjeta` attrici ghaliex baghtet apparat difettuz, izda halliet kollox mistur inkluz il-fatt illi l-pjan tas-socjeta` konvenuta kien illi ssewwi d-difetti waqt l-installazjoni;

i. Is-sitwazzjoni, pero`, kompliet giet aggravata ghaliex, fil-verita`, is-socjeta` konvenuta ghalkemm giet interpellata varji drabi sabiex taghmel l-installazzjoni, baqghet tonqos mili taghmel dan, u ghalhekk certament illi qatt ma setghet tirrettifika s-sitwazzjoni. Tenut kont dan kollu, jirrizulta wkoll sodisfatt ir-rekwizit legali illi d-difett kien mohbi ghas-socjeta` kompratrici. Ghall-kompletezza jigi rilevat illi l-uniku stadju meta s-socjeta` attrici kellha konoxxenza tal-produzzjoni kien meta wiehed mis-socji taghha, Giuseppe Mammetti, gie Malta fl-20 ta’ Ottubru 2005, flimkien mal-klient ahhari Nigerjan – suppost sabiex ikun prezenti ghat-*testing*. Izda dakinhar, il-komponenti ta’ l-ewwel *transmitter* kienu nieqsa u t-tieni *transmitter* kien ghadu lanqas biss inbeda. Ghalhekk, waqt din iz-zjara, kien ovvju illi d-data tal-konsenja ma kienitx ser tigi rispettata (u fil-fatt giet posposta anke sabiex it-*testing* isir b’mod xieraq u minghajr ghaggla) izda certament illi ma

kienx possibli ghar-rapprezentant tas-socjeta` attrici illi jinnota kwalunkwe difett illi effettivament irrizulta;

j. Apparti illi kienu pre-ezistenti ghall-bejgh jirrizulta wkoll illi d-difetti riskontrati kienu ta' natura serja u gravi, skond ma jirrizulta mhux biss mid-deskrizzjoni moghtija minn Duj u Placidini (illi jixhdu dwar il-produzzjoni u t-*testing* tat-*transmitters* qabel il-konsenja) izda wkoll mix-xhieda ta' Casimiro Zampetti illi gie inkarigat mill-installazjoni fin-Nigerja. Dan jispjega illi t-*transmitters* assolutament ma kienux jiffunzjonaw fl-istat illi kienu, u li minhabba f'hekk kellhom jinxtraw parts godda, u sahansitra jigi inkarigat tekniku sabiex jipprogramma t-*transmitters*, kollha bi spejjez ghas-socjeta` attrici;

k. Proprju dwar ir-rekwizit tal-gravita`, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Bonanno et vs Raymond Dimech"** (A. C. – 12 ta' Jannar 2005) fejn jinghad gie ritenut illi :-

*"Sabiex ikun hemm lok ghall-garanzija ghal difetti mohbija huwa mehtieg li tali difetti jkunu ta' certa serjeta` determinata mill-Ligi fuq zewg kriterji: (a) l-assoluta inettitudni tal-haga ghall-uzu intiz taghha, jigifieri fis-semplici diminuzzjoni ta' tali uzu; (b) kriterju suggettiv li jittiehed mill-intenzjoni prezunta tax-xerrej illi kieku kien jaf bid-difett ma kienx ser jixtri l-oggett jew kien joffri prezz anqas."*

l. Dawn ir-rekwiziti jidhru sodisfatti f'dan il-kaz ghaliex mill-provi migjuba jidher illi d-difetti riskontrati kienu jirrendu l-apparat assolutament non-funzjonanti – li ma kienx ghall-intervent tal-persuni inkarigati mis-socjeta` attrici stess, waqt u wara l-perijodu ta' l-installazzjoni u a spejjez taghha, l-apparat in kwistjoni lanqas biss kien jiffunzjona. Ghalhekk certament illi anke dan ir-rekwizit tal-Ligi, ossia illi d-difetti riskontrati jnaqqsu mill-attitudini ta' l-oggett mibjugh, huwa sodisfatt. Inoltre, ma hemmx dubbju, stante illi huwa intuittiv, illi s-socjeta` attrici qatt ma kienet ser tixtri apparat illi effettivament ma jiffunzjonax. B'hekk anke l-kriterju soggettiv tal-gravita` tad-difett huwa sodisfatt;

*m.* Il-Qorti hija wkoll sodisfatta minn dak kollu hawn fuq indikat, illi d-difetti u l-malfunzjonament ma gewx ikkagunati fuq il-post ta' l-installazzjoni (illi s-socjeta` attrici

kienet kostretta illi taghmel hija stess minhabba r-rifjut jew nuqqas tas-socjeta` konvenuta illi taghmel dan) izda kienu rizultat tad-difetti illi l-apparat kien mibjugh bihom. Is-socjeta` konvenuta kienet taf bid-diversi difetti illi kellu l-apparat illi baghtet u sahansitra attivament ipprovat tghatti l-istess. L-inginier Jan Duj u Francesco Placidini, it-tnejn inkarigati mis-socjeta` konvenuta nnifisha, huma kategorici dwar dan. Kategoriku wkoll kien Casimiro Zampetti fil-kontro-ezami tieghu waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2008 fejn spjega illi d-difetti illi sab waqt l-installazzjoni fin-Nigerja ma setghux sehhew waqt il-process tal-installazjoni u ghalhekk l-apparat kien intbaghat f'dan l-istat difettuz mis-socjeta` konvenuta. Fil-fatt ighid illi *"iz-zona fejn kienu mghaffga l-wires kienet issiggillata bi plastic protettiv illi jien ma nehhejtux u ghalhekk huwa impossibli illi l-wires tghaffgu waqt l-installazjoni... Jien nahseb illi l-problema giet ikkawzata waqt illi kien qieghed jigi armat it-transmitter".*

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-perit legali li r-rekwiziti legali sabiex tirnexxi l-*actio aestimatoria* in kwantu d-difetti irid ikun gravi, okkult u pre-ezistenti, huma kollha prezenti f'dan il-kaz.

Illi ghall-kompletezza (u mhux ghaliex hemm xi eccezzjoni specifika f'dan ir-rigward), jigi rilevat li l-fatt illi l-hsarat riskontrati gew imsewwija mis-socjeta` attrici, b'mod illi l-apparat *de quo* eventwalment iffunzjona, ma jistax l-azzjoni attrici, ghaliex kif intqal fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Ellul et vs Noel Gauci noe"** (A.C. – 23 ta' Novembru 2005):-

*"xejn ma jimporta li l-vizzju jista' jigi riparat; dak li jimporta hu esklussivament l-istat u l-kondizzjoni tal-haga fil-mument meta din tghaddi ghar-riskju u perikolu tal-kumpratur; u min ihallas il-prezz gust ta' haga gdida ma ghandux jigi kostrett jikkuntenta b'haga msewwija, kbira jew zghira kemm tkun dik it-tiswija."*

Illi jirrizulta li d-difetti kienu ezistenti qabel ma saret il-konsenja u dan skond ma jirrizulta mix-xiehda illi kienu prezenti waqt it-*testing* ta' l-apparat – u kwindi dan il-kriterju huwa sodisfatt minkejja l-fatt illi l-apparat seta' jigi rrangat, u effettivament, hekk gara. Di fatti, wiehed jassumi illi huwa ghalhekk illi s-socjeta` attrici hawnhekk intentat l-*actio aestimatoria* u mhux l-*actio redhibitoria* kif

wiehed kien jistenna kieku l-apparat lilha mibjugh gie misjub illi kien assolutament infunzjonabbli.
Illi minn dak kollu fuq premess jidher illi mill-lat sostantiv, ossia dak relattiv ghad-difetti pre-ezistenti, gravi, serji u latenti, is-socjeta` attrici ghandha ragun u l-azzjoni taghha ghandha tirnexxi. B'hekk tigi sorvolata dik illi hija effettivament l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta.
Illi fit-tielet eccezzjoni taghha, is-socjeta` konvenuta eccepiet illi din l-azzjoni ma tistax tirnexxi stante illi s-socjeta` attrici harget *test certificate* illi jikkonferma illi l-istess socjeta` attrici kienet sodisfatta bl-apparat. Mill-affidavits ipprezentati jidher illi l-amministratur tas-socjeta` attrici kien iffirma t-*test certificate* ferm qabel ma effettivament saru t-testijiet fuq l-apparat mit-*technician* inkarigat mill-istess socjeta` attrici – u sahansitra qabel ma l-apparat kien ghadu komplut – ahseb u ara kemm kien gie ttestjat, jew seta' jigi ttestjat. B'danakollu, jirrizulta mill-provi u mic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, illi dan sar unikament minhabba illi s-socjeta` konvenuta kienet fi krizi finanzjarja u kien jehtieg illi jigu rilaxxati favur taghha l-ammonti msemmija fl-ittra ta' kreditu. Hekk kif qal Giuseppe Mammetti waqt il-kontro-ezami:-
*"Nikkonferma illi fil-21 ta' Ottubru 2005 il-Managing Director ta' Tecnobroadcast iffirma test certificate bl-intestata "Test Certificate".Dan ic-certifikat kien iffirmat minn Tecnobroadcast qabel kienu saru t-testijiet fuq l-apparat mill-impjegati ta' Tecnobroadcast. Ir-raguni kienet biss ghaliex is-Sur Giuseppe Narduzzi beda jaghmel pressjoni sabiex jigi iffirmat dan ic-certifikat sabiex ikun jista' jigbor l-ewwel pagament ai termini ta' l-ittra ta' kreditu minhabba illi M.B.E. kellha problemi finanzjarji serji. Tant hu hekk illi c-certificat kien mibghut fit-18 ta' Ottubru 2005 b'email u waqt illi jien kont Malta ghand l-M.B.E. l-apparat kien jonqsu sew biex jitlesta".*
Illi minn dak li rrizulta wara ma jidhirx illi dan kien pass ghaqli u Giuseppe Mammetti stess jirrikonoxxi dan il-fatt. Madanakollu, wiehed irid jifhem ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u r-realta` anke kummercjali tas-sitwazzjoni. Is-socjeta` attrici ma kinitx il-konsumatur finali tal-apparat ordnat, u kif xehed Mammetti, kellha pressjoni kbira minghand il-klient ahhari taghha, illi mieghu kellha relazzjonijiet kummercjali twal (Dok. "KB1").

Illi b'hekk jirrizulta li s-socjeta` attrici nqabdet bejn il-pressjoni illi kienet qieghda ssirilha mill-klient ahhari taghha sabiex tikkonsenja l-oggett pattwit, u s-sitwazzjoni tas-socjeta` konvenuta illi kienet qieghda tindika illi ma setghetx tkompli l-progett jekk ma jkollhiex il-flus sabiex taghmel dan. L-uniku mod kif jigu rilaxxati l-fondi marbutin bl-ittra ta' kreditu, favur is-socjeta` konvenuta, kien billi jinhareg it-*test certificate*, illi kien pre-rekwizit tal-istess ittra ta' kreditu. Ghalhekk, kien biss that dawn ic-cirkostanzi li s-socjeta` attrici harget dan it-*test certificate* meta lanqas biss kien ghadu lest l-apparat u wisq inqas ittestjat.

Illi minkejja dan, l-ezistenza ta' dan ic-certifikat ma ghandhiex tkun ta' osktakolu ghall-azzjoni odjerna. Dan ghaliex f'cirkostanzi meta l-partijiet ikunu qablu bejniethom mod ,izda mil-miktub ikun gara xorta ohra, il-principji bbazati fuq il-gustizzja u l-ekwita` ghandhom ikunu supremi. Hekk insibu fis-sentenza fl-ismijiet **"Munqar Limited vs Salvu Farrugia et"** (A. C. – 18 ta' Dicembru 2009) fejn inghad illi l-principju illi *"contra testimonium scriptum (testimonium) non scriptum non fertur"*:-

*"jista' jsehh biss sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm zball fil-kuntratt jew inkella dak il-patt thalla barra ghal xi raguni specjali; ghaliex f'dawk il-kazijiet il-principji bbazati fuq il-gustizzja u l-ekwita` ghandhom ikunu supremi."*

Illi l-Qorti thoss li dan ir-ragunament ghandu japplika wkoll, *per via analoga*, ghall-kaz in ezami. F'dan il-kaz, it-*test certificate* inhareg meta l-apparat lanqas biss kien tlesta, izda sar unikament sabiex jghin lis-socjeta` konvenuta finanzjarjament f'mument kritiku ghaliha biex b'hekk seta' jitlesta l-apparat; ghalhekk il-principju ta' gustizzja u ekwita` jirrikjedi illi wiehed ma japplikax il-principju *"contra testimonium scriptum (testimonium) non scriptum non fertur"*. Fil-kaz partikolari gie wkoll ppruvat li dak indikat fl-istess certifikat ma kienx korrett u ghalhekk din il-Qorti thoss li minkejja l-hrug tat-*test certificate*, l-apparat in kwistjoni gie xorta ippruvat li kien difettuz – u l-hrug tal-istess dokument mhux u ma ghandux ikun ta' detriment ghal din l-azzjoni.

Illi dwar l-eccezzjoni li l-azzjoni hija perenta jinghad li huwa rekwizit procedurali impost mill-Ligi fl-**artikolu 1431**

**tal-Kodici Civili** li l-*actio aestimatoria* jehtieg illi tigi mressqa sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha - u dan kif eccepiet ukoll formalment is-socjeta` konvenuta fit-tieni eccezzjoni taghha.
Illi f'dan ir-rigward, l-ezami jehtieg illi jsir separatament ghaz-zewg apparati mixtrija, ossia dak 20kW u dak 40+40kW stante illi, in vista tal-fatt illi dawn gew konsenjati separatament, japplikaw kunsiderazzjonijiet differenti.

Illi dwar it-*transmitter 40+40 kW* jibda biex jinghad ghall-fini ta' kjarezza illi, teknikament, dan l-apparat jikkonsisti f'zewg *units* ossia zewg *transmitters*, *b'changeover unit* illi jippermettilhom illi jiffunzjonaw bejniethom bhala *transmitter* wiehed.
Illi dan l-apparat kien kommissjonat fit-8 ta' Lulju 2005 u d-data tal-konsenja tas-sistema kollha *(40+40 kW I.O.T bic-changeover unit)* kellha ssir tlettax-il gimgha wara illi s-socjeta` konvenuta tkun irceviet l-ittra ta' kreditu u l-pagament akkont, hekk kif indikat fl-*Order Confirmation* esebit u mmarkat bhala Dok. "A3". Dan gie kkonfermat ukoll minn Giuseppe Mammetti ghan-nom tas-socjeta` attrici fl-affidavit ulterjuri tieghu ta' l-20 ta'April 2007 fejn qal illi l-konsenja tas-sistema kollha *"was established verbally for the first week in September 2005".* Jirrizulta b'danakollu illi sussegwentement, is-socjeta` konvenuta talbet sabiex id-data tal-konsenja tigi estiza, ossia ghat-30 ta' Settembru 2005 fil-kaz ta' l-ewwel *transmitter,* u t-30 ta' Ottubru 2005 ghat-tieni *transmitter u c-changeover unit.*
Illi b'danakollu, dawn id-dati regghu gew mibdula ghal darb'ohra, wara illi Mammetti kien nizel Malta ghand is-socjeta` konvenuta, flimkien ma' rapprezentant tal-klient ahhari tieghu (Akwa Ibom State Government tan-Nigerja) bil-ghan illi jkun prezenti ghat-*testing* tal-ewwel *transmitter*.  Waqt din iz-zjara, ix-xoghol fuq dan l-apparat kien ghadu fi stadju bikri hafna. Fil-fatt, il-komponenti tal-ewwel *transmitter* kienu nieqsa u t-tieni *transmitter* kien ghadu lanqas biss inbeda. Konsegwenza ta' dan, Mammetti ltaqa' mal-*management* tas-socjeta` konvenuta u flimkien fasslu programm ta' konsenja gdid. Ghalhekk anke d-data ghall-konsenja fuq l-ittra ta' kreditu giet

mibdula ghall-10 ta’ Dicembru 2005. Effettivament, jirrizulta mill-provi illi sa fl-ahhar, is-socjeta` konvenuta baghtet l-apparat minn Malta direttament lill-klient ahhari (ossia n-Nigerja) fid-19 ta’ Dicembru 2005.

Illi sussegwentement ghal dan kollu jidher illi nqala’ diverbju shih bejn il-kontendenti dwar min kellu jaghmel l-installazzjoni illi wassal ghal dewmien ta’ disa’ xhur shah sabiex saret l-installazzjoni – meta kwindi setghu jigu verifikati d-difetti fl-apparat.

Illi s-socjeta` attrici tishaq illi l-installazzjoni kellha ssir mis-socjeta` konvenuta. Tghid illi dan kien miftiehem bejn il-partijiet, u huwa wkoll il-prassi f’dan il-qasam u s-sistema illi giet adoperata minn dejjem bejn iz-zewg kontendenti nfushom stante illi dawn kienu ilhom jinnegozjaw ghal snin twal bejniethom qabel din l-istanza. Mill-banda l-ohra, is-socjeta` konvenuta jidher illi ghall-ewwel sempliciment bdiet tinjora l-komunikazzjonijiet tas-socjeta` attrici f’dan ir-rigward, u eventwalment indikat illi ma kienitx disposta illi taghmel l-installazzjoni minghajr hlas. It-twegiba tas-socjeta` attrici ghal dan kienet illi hija kienet disposta illi thallas ghall-installazzjoni, skond kif dejjem sar.

Illi jibqa’ l-fatt li sa dan l-istadju, ir-relazzjonijiet bejn is-socjetajiet kontendenti kienu tant ippeggoraw, tant li s-socjeta` attrici kienet kostretta illi tinkariga terzi persuni sabiex jeffettwaw l-installazzjoni fin-Nigerja – u oggettivament wiehed bl-ebda mod ma jista’ jaghti tort lis-socjeta` attrici ghal din id-decizjoni taghha ghaliex jidher illi kienu ghaddew diversi xhur wara illi l-apparat kien gie kkonsenjat lill-klijent ahhari, izda baqa’ fil-*container*s minhabba dan id-diverbju dwar min kellu jaghmel l-installazzjoni.

Illi efettivament, l-installazzjoni tal-apparat saret minn Casimiro Zampetti (illi gie inkarigat mis-socjeta` attrici) f’Settembru 2006, u l-kundizzjoni illi nstab fiha l-apparat ma kinitx dik mifthiema. Kif ga` dettaljat, l-apparat kien difettuz u assolutament ma setax jiffunzjona minghajr interventi u tiswijiet appoziti.

Illi b’referenza ghall-kwistjoni tat-terminu illi fih kellha tagixxi s-socjeta` attrici, ghandu jinghad illi fil-kaz ta’ dan it-*transmitter*, kien biss waqt il-fazi ta’ l-installazzjoni, ossia ghall-habta ta’ Settembru 2006 illi d-difetti gew a konoxxenza tas-socjeta` attrici. Illi mill-provi kollha

prodotti mis-socjeta` attrici jidher car illi dawn id-difetti kienu ezistenti qabel dan il-mument u kienu prezenti fiz-zmien meta l-apparat kien ghadu ghand is-socjeta` konvenuta. Effettivament gie ppruvat ukoll li s-socjeta` konvenuta kienet ben konxja ta' dawn id-difetti fl-apparat, izda ghamlet minn kollox sabiex tostorhom mis-socjeta` attrici. Dan jirrizulta kjarament mix-xhieda ta' l-inginier Jan Duj u Francesco Placidini illi t-tnejn kienu inkarigati mis-socjeta` konvenuta u kienu prezenti waqt l-assemblagg u t-*testing* ta' dan l–apparat. Il-fatt illi s-socjeta` konvenuta kienet ben konxja minn dawn id-difetti jidher bic-car minn dak illi qal Francesco Placidini fl-affidavit tieghu datat 20 ta' April 2007 fejn semma illi minkejja illi s-socjeta` konvenuta kienet taf bid-difetti kienet qed tippjana biex tghatti dan kollu:-

*"A few days after the transmitter left, Mr Alessandro Narduzzi, head of MBE, told me that the transmitter's RF modules would have to be returned to us for a 'modification' but that we would have to find an excuse to give to the customer (Tecnobroadcast S.r.l.) in order not to explain the situation, given that the modules didn't work".* Illi dan ifisser li s-socjeta` konvenuta sahansitra wzat maniggi sabiex qarrqet bis-socjeta` attrici dwar l-istat tal-apparat, u kwindi certament illi ma jistax jinghad illi s-socjeta` attrici kienet, f'xi stadju qabel l-installazzjoni, konxja tad-difetti f'dan it-*transmitter*. Fil-fatt jirrizulta illi immedjatament kif saret taf bid-difetti illi sa issa kienu mohbija minnha, is-socjeta` attrici kkuntattjat lis-socjeta` konvenuta permezz ta' ittra datata 18 ta' Ottubru 2006. Irrizulta illi kien biss hawn illi s-socjeta` attrici saret taf, jew sahansitra setghet issir taf, illi fl-apparat kien hemm difetti serji illi jwasslu ghall-malfunzjonament tat-*transmitters.*

Illi ghalhekk jirrizulta li peress li kollox baqa' mistur min-naha tas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici bl-ebda mod ma saret taf dwar dawn id-difetti sal-mument ta' l-installazzjoni f'Settembru 2006. Dan ghaliex waqt it-*testing* tal-apparat, ma kien hemm hadd mill-membri tas-socjeta` attrici prezenti, u meta Giuseppe Mammetti nizel Malta dwar dan l-apparat, bl-ebda mod ma seta' jipprevedi dawn id-difetti ghaliex f'dak l-istadju, il-manifattura u assemblagg tal-apparat kienu ghadhom fi stat bikri ferm. Dawn id-difetti gew skoperti mis-socjeta` attrici biss meta

din inkarigat lil Casimiro Zampetti sabiex iwettaq l-installazjoni fuq il-post gewwa n-Nigerja bejn il-25 ta' Settembru 2006 u l-10 ta' Ottubru 2006. Sa dan il-mument l-apparat illi rceviet is-socjeta` attrici kien ghadu mizmum fil-*container* hekk kif mibghut mis-socjeta` konvenuta u ghaldaqstant hadd ma kien iccekkja dan l-apparat wara t-*testing* illi sar mis-socjeta` konvenuta stess hawn Malta. Dan il-fatt ikompli jikkonferma illi ma kien hemm l-ebda mod kif is-socjeta` attrici setghet tiskopri d-difetti in kwistjoni qabel dawn gew mikxufa meta saret l-installazjoni minn Casimiro Zampetti.

Illi jsewgi li fil-kaz tal-apparat 40+40kW, is-socjeta` attrici ghandha tirnexxi kemm mill-lat sostantiv u kif ukoll mill-lat procedurali, u dan tenut kont tal-fatt illi d-difetti gew riskontrati f'Settembru 2006 u l-azzjoni odjerna giet intavolata f'Jannar 2007, u allura sew fit-terminu ta' sitt xhur stabbilit mill-Ligi.

Illi dwar it-*transmitter 20kW* jirrizulta li s-socjeta` attrici ghamlet l-ordni ghal dan it-*transmitter* fid-9 ta' Settembru 2004 u s-socjeta` konvenuta kkonfermat l-ordni l-ghada. Il-konsenja kellha ssir fl-ahhar ta' Ottubru 2004 hekk kif indikat fil-Purchasing Order esebit u mmarkat bhala Dok. “B1”. Din id-data tal-konsenja giet posposta ghat-28 ta' Frar 2005 – dan sar minhabba l-fatt illi s-socjeta` konvenuta sempliciment ma kienitx kapaci illi tikkonsenja l-apparat fiz-zmien miftiehem. Sahansitra, l-ittra ta' kreditu giet konsegwentement emendata ghal darba ohra ghall-21 ta' Marzu 2005 – id-data meta effettivament l-apparat in kwistjoni gie mibghut bil-bahar lis-socjeta` attrici.

Illi l-konsenja saret lill-kumpanija COINTRA S.r.l u l-*container* relattiv baqa' mizmum fil-mahzen taghhom fl-istat illi ntbaghat mis-socjeta` konvenuta, sakemm gie mibghut lill-klient ahhari fin-Nigerja, fit-13 ta' Mejju 2005. Ghaldaqstant dan it-*transmitter* ukoll baqa' dejjem fil-*container* illi kien mibghut fih mis-socjeta` konvenuta sakemm wasal ghand Kebbi State Government fin-Nigerja. L-apparat ma giex mibghut lejn in-Nigerja kollu f'daqqa ghaliex l-ewwel intbaghat it-*transmitter* minghajr il-pilot u d-driver, imbaghad il-pilot u d-driver intbaghtu bl-ajru aktar tard (din id-darba mis-socjeta` konvenuta). Dan jirrizulta minn ittra mibghuta mis-socjeta` konvenuta stess

datata 5 ta’ Mejju 2005 illi tinsab esebita u mmarkata bhala Dok GM1 fejn dawn baghtu jinformaw lis-socjeta` attrici illi kienu baghtu l-pilot u d-driver sabiex jitkompla *t-transmitter* 20kW. Jirrizulta illi anke l-installazzjoni ta’ dan l-apparat saret f’Settembru 2006.

Illi b’danakollu, f’dan il-kaz, jissussitu cirkostanzi differenti, u jridu jsiru kunsiderazzjonijiet differenti minn dawk maghmula fil-kaz tat-*transmitter 40 kW*. Is-socjeta` attrici, din id-darba, ma kienitx sajma ghal kollox mill-fatt illi kien hemm problemi fl-apparat 20 kW. Fil-fatt jidher illi l-fatt illi t-*testing* finali kien sar biss fl-ahhar gurnata u illi kienu saru zballi fil-procedura tat-*testing* gie a konoxxenza tas-socjeta` attrici fit-22 ta’ Marzu 2005 – ossia hekk kif is-socjeta` konvenuta baghtet it-*transmitter* lis-socjeta` attrici. Giuseppe Mammetti, socju tas-socjeta` attrici, xehed illi l-ghada stess illi sar it-*testing*, huwa sar jaf illi dan il-process kien beda biss fl-ahhar gurnata disponibbli qabel kellha ssir il-konsenja skond l-ittra ta’ kreditu, u illi waqt din il-fazi twettqu zballi fil-procedura tat-*testing*. Fost din l-informazzjoni illi kellu Mammetti, kien hemm il-fatt illi t-technician Claudio Santini kien xeghel l-apparat u dan ikkaguna power surge konsiderevoli fl-*amplifiers* b’dan illi nharqu t-*transmitters* ta’ l-istess *amplifiers*. Madanakollu, il-fattur l-aktar importanti ghas-socjeta` konvenuta kien illi din tithallas skond l-ittra ta’ kreditu u kwindi din baghtet it-*transmitter* 20kW minkejja illi kien difettuz. Jibqa’ l-fatt illi Mammetti kien jaf, jew messu kien jaf, illi l-apparat kien difettuz stante illi kellu l-*amplifiers* mahruqa.

Illi jirrizulta wkoll illi s-socjeta` konvenuta ma baghtitx it-*transmitter 20kW* komplut. Is-sub-units essenzjali ghall-funzjonament korrett tat-*transmitter* kienu nieqsa u gew mibghuta hafna wara. Ghaldaqstant dawn ma gewx ittestjati flimkien mat-*transmitter* qabel il-konsenja. Fil-fatt, l-ahwa Narduzzi mis-socjeta` konvenuta qalu lil Giuseppi Mammetti illi riedu l-apparat lura biex jaghmlu xi ameljoramenti – b’dan il-mod, is-socjeta` konvenuta kienet lahqet l-ghan taghha illi tithallas skond l-ittra ta’ kreditu stante illi effettwat il-konsenja, izda mbaghad ipprovat tirrimedja s-sitwazzjoni b’dan il-mod – billi talbet parti mill-apparat lura sabiex taghmel “ameljoramenti”.

Illi ghalhekk ghaddiet sena shiha sakemm rega’ sar xi zvilupp f’dan il-kaz – u hawn fejn il-kaz tas-socjeta` attrici

in kwantu jirrigwarda dan it-*transmitter 20kW,* ikompli jiddghajjef. Fil-fatt jidher illi f'Marzu jew April 2006, is-socjeta` attrici talbet l-ghajnuna ta' Francesco Placidini sabiex dan jidentifika x'parts kienu mehtiega peress illi s-socjeta` attrici kienet giet mgharrfa wara t-*testing* illi kien hemm xi hsarat illi riedu jissewwew. Ta' min ighid illi Placidini, illi fil-bidu tal-progett kien inkarigat mis-socjeta` konvenuta, issa kien gie rilaxxat minnha u s-socjeta` attrici talbet l-ghajnuna tieghu ghaliex kien hemm relazzjoni ta' hbiberija bejniethom, apparti l-fatt illi Placidini kien involut mill-bidu fil-progett u ghalhekk kellu l-informazzjoni kollha mehtiega ghal dan l-iskop.

Illi ghalhekk, fil-kaz ta' dan it-*transmitter,* is-socjeta` attrici kienet konxja illi l-apparat kien fi stat difettuz immedjatament f'Marzu 2005, ghaliex kienet saret taf appuntu l-ghada illi sar it-*testing* illi kien hemm il-problemi. Fl-ahjar ipotezi ghas-socjeta` attrici, wiehed jista' jghid illi l-istess socjeta` giet imqarrqa mill-agir tas-socjeta` konvenuta illi talbet parti mill-apparat lura bl-iskuza illi kien hemm bzonn illi jsiru xi ameljoramenti. B'danakollu, Francesco Placidini xehed f'dan ir-rigward illi:-

*"L-ewwel darba illi sirt naf bl-ilmenti ta' Tecnobroadcast kien fl-2006 – forsi kien Marzu jew April".*

Illi ghalhekk f'dan il-kaz ma jistax jinghad illi s-socjeta` attrici ma kinitx taf bid-difetti sal-mument meta mar Casimiro Zampetti fuq il-post sabiex jaghmel l-installazjoni f'Settembru 2006 u dan huwa fatali ghas-socjeta` attrici illi intavolat dawn il-proceduri f'Jannar 2007.

Illi l-*actio aestimatoria* hija perenta bit-terminu ta' sitt xhur mid-data tal-kunsinna tal-haga mibjugha f'kaz ta' mobbli kif inhu l-oggett in ezami. Il-Ligi tghid ukoll illi jekk ix-xerrej ma setax jikxef id-difett latenti, it-terminu jibda jghodd biss minn dakinhar meta x-xerrej seta' jikxef id-difett. Fil-kaz in ezami, il-kunsinna effettiva saret fil-21 ta' Marzu 2005 meta t-*transmitter* intbaghat mis-socjeta` konvenuta lill-kumpanija COINTRA S.r.l illi hija x-*shipper* tas-socjeta` attrici illi, min-naha taghha, baghtet it-*transmitter* lill-klient ahhari fin-Nigerja fit-13 ta' Mejju 2005, anke ghaliex sadanittant, fil-5 ta' Mejju 2005 is-socjeta` konvenuta kienet baghtet ukoll il-pilot u d-driver biex jitkompla it-*transmitter* 20kW.

Illi ghalhekk, galadarba s-socjeta` attrici kellha l-apparat komplut ghandha f'Mejju 2005, u kienet taf sa minn Marzu 2005 illi kien hemm il-problemi fih, il-gurnata illi fih seta' jinkixef id-difett, fl-ahjar ipotezi ghas-socjeta` attrici, kienet f'Mejju 2005. B'danakollu, jidher illi s-socjeta` attrici ma ghamlet xejn ghal sena shiha – sakemm ikkuntattjat lil Francesco Placidini f'Marzu jew April 2006 u talbitu jakkwista l-apparat mehtieg minhabba l-hsarat rizultanti. Sahansitra kien hemm trapass ta' sitt xhur ohra sabiex saret l-installazzjoni, u diversi xhur ulterjuri sabiex gewipprezentati l-proceduri odjerni.
Illi ghalhekk anke f'dan il-kaz din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali li l-gurnata meta s-socjeta` attrici setghet tikxef id-difetti fil-kaz ta' dan it-*transmitter* 20kW kienet Mejju 2005 meta rceviet l-apparat u certament ma hemmx dubju illi kienet taf b'dawn id-difetti f'Marzu jew April 2006 meta talbet l-ghajnuna ta' Placidini, u allura isegwi li s-socjeta` attrici ma pprezentatx l-azzjoni odjerna fit-terminu validu skond il-Ligi - ossia sitt xhur mill-gurnata meta seta' jinkixef id-difett.

Illi s-socjeta` konvenuta eccepiet ukoll fit-tieni eccezzjoni taghha illi ma gietx interpellata ufficjalment qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni. B'danakollu, ma jidhirx illi dina l-eccezzjoni ghandha treggi stante illi l-Ligi nnifisha ma tirrikjedi l-ebda interpellazzjoni precedenti kif tippretendi s-socjeta` konvenuta. Ghaldaqstant is-socjeta` attrici kellha kull dritt illi tghaddi immedjatament, u minghajr ebda preambolu, sabiex tipprezenta mill-ewwel rikors guramentat fil-konfront tas-socjeta` konvenuta, kif fil-fatt ghamlet. Dan huwa gust u intuittiv ukoll stante t-terminu qasir u perentorju illi l-Ligi taghti lid-danneggjat f'kaz illi jrid iressaq l-*actio redhibitoria* jew l-*actio aestimatoria*.
Illi jonqos li jigi likwidat l-ammont ta' rimbors ta' parti mill-prezz lis-socjeta' attrici u dan f'dan il-kaz jiddependi fuq l-ammont relattiv ghall-hsarat u difetti sofferti mis-socjeta` attrici fir-rigward tat-*transmitter 40+40kW*, stante l-azzjoni attrici fit-rigward tat-*transmitter 20kW* ma tistax tirnexxi ghaliex hija perenta kif inghad iktar il-fuq.
Illi f'dan il-kuntest kif jirrizulta mill-ittra ta' kreditu esebita u mmarkata bhala Dok. "A5", il-prezz pattwit tat-*transmitter 40+40kW* kien ta' € 334,438.07. In vista tal-fatt illi l-

apparat kien difettuz, is-socjeta` attrici inkorriet diversi spejjez illi gew dettaljati fid-Dok. “GM2” u jistghu jigu elenkati kif gej: -

- €19,063.67 - ghall-materjal mixtri sabiex jissewwa t-*transmitter*;
- €3,400.00 - spejjez inkorsi in konnessjoni mas-servizzi rezi minn Jonathan Grecch sabiex jirriprogramma l-logics u minn Casimiro Zampetti sabiex jaghmel l-installazzjoni u t-tiswijiet relattivi lejn l-ahhar tas-sena 2006 (ossia wara illi l-apparat kien installat u kien ghadu mhux jiffunzjona tajjeb, skond ma lmenta l-klient ahhari fid-Dok. “KB1”);
- €6,822.91 – rapprezentanti l-hlas illi sar sabiex Casimiro Zampetti effettwa l-installazzjoni u t-tiswijiet bejn il-25 ta’ Settembru 2006 u d-9 ta’ Ottubru 2006;
- €2,886.43, €3,775.00 u €3,120.34 - spejjez illi inkorriet is-socjeta` attrici in konnessjoni ma’ zjarat illi saru minn Giuseppe Mammetti in vista ta’ l-inadempjenza tas-socjeta` konvenuta;
- €3,600.00 u €3,425.00 ghal servizzi ohra rezi minn certu Alessandrini u lil Casimiro Zampetti.

Illi dawn l-ispejjez jammontaw ghas-somma totali ta’ €46,083.35.

Illi peress li din ma hijiex kawza ghad-danni, izda “*actio aestimatoria”* illi l-ghan taghha huwa illi tistabbilixxi l-prezz illi kellu jithallas, anqas, mill-kompratur minhabba d-difetti latenti riskontrati u fil-kaz in ezami tenut kont tal-provi prodotti jirrizulta li din il-Qorti ghandha tasal sabiex tistabbilixxi fid-dawl tal-provi prodotti il-valur tal-oggett tenut kont tad-difetti riskontrati, u fic-cirkostanzi odjerni dan jista’ jsir dejjem b’riferenza ghall-ispejjez inkorsi sabiex jigu rrangati l-istess difetti u wkoll fuq principji ta’ ekwita` inkluz dak *“per aequo et bono”* u dan ikkunsidrat ukoll ghal fatt li l-apparat ovvjament illi, bil-hsarat illi kellu ghalkemm gew imsewwija, kien ta’ inqas valur minn apparat gdid fjamant illi kien ikkummissjonat mis-socjeta` attrici.

Illi dan huwa in linja ma l-insenjamenti fil-gurisprudenza nostrali nkluza dak li nghad fis-sentenza **“Joseph Ellul et vs Noel Gauci noe”** (A.C. – 23 ta’ Novembru 2005;

**"Perit Cavaliere Emmanuele Borg vs Carmelo Petroni** – A.K. – 29 ta' Jannar 1954) fejn inghad li min ihallas ta' xi haga gdida ma ghandux jikkuntenta b'haga msewwwija, zghira kemm hi zghira t-tiswija (illi zgur ma kienx il-kaz odjern fejn il-hsarat kienu konsiderevoli). B'hekk hemm, effettivament element ta' deprezzament illi jrid jittiehed in konsiderazzjoni. Ghal darb'ohra fid-dawl ta' dan il-principji u *arbitro boni viri* din il-Qorti tistabbilixxi l-istess fl-ammont ta' 10% fuq il-prezz tal-bejgh ta' l-apparat in kwistjoni u b'hekk ukoll taqbel mal-konstatazzjoni tal-perit legali, u dan kemm konsistenti ma' dak hawn deciz.

Illi f'dan il-kuntest tenut kont tad-danni sofferti u d-deprezzament relattiv dovuti ghad-difetti latenti, il-Qorti tistabbilixxi li l-ammont illi s-socjeta` konvenuta hija obbligata illi tirrifondi lis-socjeta` attrici minhabba d-difetti fit-*transmitter* 40+40kW huwa ta' €80,000, illi ghandu jigi mnaqqas mis-somma illi hallset is-socjeta` attrici ghat-*transmitter 40+40kW.*

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni minnha sollevata, is-socjeta` konvenuta tallega illi dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji u ntizi unikament sabiex jirrekaw dannu finanzjarju lis-socjeta` konvenuta li taghha s-socjeta` attrici, direttament jew permezz ta' socjeta` gestita mill-istess persuni li jiggestixxu s-socjeta` attrici, hija ormai kompetitrici diretta fis-suq tal-manifattura u bejgh ta' apparat tax-xandir bir-radju u bit-televizjoni.

Illi f'dan il-kuntest jirrizulta li dan assolutament bl-ebda mod ma gie ppruvat u *inoltre*, jirrizulta illi l-apparat mibjugh mis-socjeta` konvenuta kien effettivament serjament difettuz u kwindi certament ma jistax jinghad illi dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji. Ghalhekk din ir-raba' eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta ma treggix u qed tigi michuda.

Illi ghalhekk in vista ta' dak kollu fuq deciz, din il-Qorti qed tilqa' in parte l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta billi tiddikjara illi l-azzjoni attrici hija perenta in kwantu tirrigwarda t-talba taghha relattiva ghat-*transmitter* 20kW u tichadha fil-bqija taghha, tichad it-tieni eccezzjoni stante illi ma hemm l-ebda rekwizit legali illi s-socjeta` konvenuta tigi interpellata qabel jigu pprezentati l-proceduri odjerni, u tichad ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra tas-

socjeta` konvenuta safejn u in kwantu dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz u konsegwentement tilqa' l-ewwel talba in parte fejn tirrigwarda t-*transmitter 40+40 kW* filwaqt illi tichadha fir-rigward tat-*transmitter 20kW*, u kwindi tiddikjara illi t-*transmitter 40+40 kW* mibjugh lis-socjeta` attrici kien affetti minn difetti latenti illi ma kienux jidhru fil-mument tal-bejgh; u tilqa' konsegwentement it-tieni talba fil-limitu deciz u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmenin elf ewro (€80,000) stabbilita bhala s-somma illi l-istess socjeta` konvenuta hija obbligata illi tirrifondi parti mill-prezz in konnessjoni mad-difett latenti riskontrat fit-*transmitter 40+40 kW.*

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' in parte l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta billi tiddikjara illi l-azzjoni attrici hija perenta abbazi tal-**artikolu 1431 tal-Kap 16** in kwantu tirrigwarda t-talba taghha relattiva ghat-*transmitter 20kW* u tichadha fil-bqija taghha, tichad it-tieni eccezzjoni u tichad ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta` konvenuta safejn u in kwantu dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, u **tilqa' l-ewwel talba in parte fejn tirrigwarda t-*transmitter 40+40 kW* filwaqt illi tichadha fir-rigward tat-*transmitter 20kW*** u dan fis-sens ta' dak hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi t-*transmitter 40+40 kW* mibjugh lis-socjeta` attrici kien affett minn difetti latenti illi ma kienux jidhru fil-mument tal-bejgh.

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmenin elf ewro (€80,000) stabbilita bhala s-somma ta' parti mill-prezz li l-istess socjeta` konvenuta hija obbligata illi tirrifondi in konnessjoni mad-difett latenti riskontrat fit-*transmitter* 40+40 kW.

Fic-cirkostanzi, u partikolarment in vista tal-fatt illi jirrizulta illi l-apparat kollu kien difettuz u illi s-socjeta` konvenuta

sahansitra wzat raggiri sabiex tqarraq bis-socjeta` attrici, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------